DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Ġunju 2010

dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

(2010/365/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, minbarra dawk imsemmija fl-Anness II ta' dak l-Att, għandhom japplikaw fil-Bulgarija u r-Rumanija (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri kkonċernati") biss skont Deċiżjoni tal-Kunsill għal dak l-effett, wara verifika li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-acquis.

(2) Il-Kunsill ivverifika li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw livelli sodisfaċenti ta' protezzjoni tad-data billi segwa l-passi li ġejjin:

Bit-trażmissjoni ta' kwestjonarju sħiħ lill-Istati Membri kkonċernati, li t-tweġibiet tagħhom ġew reġistrati, u bi żjajjar ta' verifika u evalwazzjoni magħmula lil dawk l-Istati Membri, skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li stabbilixxiet Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 def.) [2], fil-qasam tal-Protezzjoni tad-Data.

(3) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill ikkonkluda li l-kondizzjonijiet f'dan il-qasam kienu ġew sodisfatti mill-Istati Membri kkonċernati. Għaldaqstant huwa possibbli li tiġi stabbilita data minn meta l-acquis ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) jista' japplika f'dawk l-Istati Membri.

(4) Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għandu jippermetti li tiġi trasferita data reali tas-SIS lill-Istati Membri kkonċernati. L-użu konkret ta' din id-data għandu jippermetti lill-Kunsill, permezz tal-proċeduri ta' evalwazzjoni applikabbli ta' Schengen kif imniżżel fl-SCH/Com-ex (98) 26 def., biex jivverifika l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS fl-Istati Membri kkonċernati. Ladarba dawn l-evalwazzjonijiet jkunu ġew mwettqa, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma' dawk l-Istati Membri.

(5) Huwa meħtieġ li tiġi addottata Deċiżjoni tal-Kunsill, separata, li tistabbilixxi data għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Sa meta tasal id-data stabbilita f'dik id-Deċiżjoni, huwa meħtieġ li jiġu imposti ċerti restrizzjonijiet fuq l-użu tas-SIS.

(6) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [3] li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [4] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [5], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI [6] u mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2008/146/KE [7],

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mill-15 ta' Ottubru 2010, id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS, kif imsemmi fl-Anness I, għandhom japplikaw għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika tal-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Repubblika ta' Spanja, mar-Repubblika ta' Franza, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Repubblika tal-Ungerija, ma' Malta, mar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, mar-Repubblika tal-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika tas-Slovenja u mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja u mar-Renju tal-Iżvezja kif ukoll mar-Repubblika tal-Iżlanda, mar-Renju tan-Norveġja u mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

[1] Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 138.
[3] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[4] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[5] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[6] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50.
[7] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS, kif imsemmi fl-Anness II, għandhom japplikaw mid-data speċifikata fih għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika tal-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta' Spanja, mar-Repubblika ta' Franza, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Repubblika tal-Ungerija, ma' Malta, mar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, mar-Repubblika tal-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tas-Slovenja u mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja u mar-Renju tal-Iżvezja kif ukoll mar-Repubblika tal-Iżlanda, mar-Renju tan-Norveġja u mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

3. Mid-29 ta' Ġunju 2010, tista' tiġi ttrasferita data reali tas-SIS lill-Istati Membri kkonċernati.

Mill-15 ta' Ottubru 2010, l-Istati Membri kkonċernati, bħall-Istati Membri li fir-rigward tagħhom l-acquis ta' Schengen diġà ġie implimentat, għandhom ikunu jistgħu jdaħħlu d-data fis-SIS u jużaw id-data fis-SIS, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.

4. Sad-data tat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni mal-Istati Membri kkonċernati, dawk l-Istati Membri:

(a) m'għandhomx ikunu obbligati jirrifjutaw id-dħul fit-territorju tagħhom jew li jkeċċu ċittadini ta' Stati terzi li għalihom ikun ħareġ allert tas-SIS minn Stat Membru ieħor għall-finijiet tar-rifjut għad-dħul;

(b) għandhom jiddeżistu milli jdaħħlu d-data koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 96 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-unjoni ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Schengen") ([1]).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-addozzjoni tagħha

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ESPINOSA

([1]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

ANNESS I

Lista tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-SIS fis-sens tal-Artikou 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 li għandhom isiru applikabbli għall-Istati Membri kkonċernati

1. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen:

   l-Artikolu 64 u l-Artikoli 92 sa 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

2. Dispożizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw is-SIS:

   (a) Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen:

   Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-15 ta' Diċembru 1997 li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar C.SIS (SCH/Com-ex (97) 35) [1];

   (b) Dikjarazzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen:

   (i) Dikjarazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-18 ta' April 1996 li tiddefinixxi l-kunċett ta' barrani (SCH/Com/Ex (96) dikj. 5) [2],

   (ii) Dikjarazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 dwar l-istruttura tas-SIS (SCH/Com-ex (99) dikj. 2 rev) [3],

   (ċ) strumenti oħra:

   (i) Deċiżjoni tal-Kunsill (2000/265/KE) tas-27 ta' Marzu 2000 dwar it-twaqqif ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-budget tat-treġija mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta' kuntratti konklużi f'ismu, f'isem ċerti Stati Membri, li jirrelataw għall-installazzjoni u l-ħidma tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen, "Sisnet" [4],

   (ii) Il-Manwal SIRENE [5],

   (iii) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 871/2004 tad-29 ta' April 2004 li għandu x'jaqsam ma' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-ġlieda kontra t-terroriżmu [6], u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti dwar id-data ta' applikazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet,

   (iv) Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/211/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 li għandu x'jaqsam ma' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-ġlieda kontra t-terroriżmu [7], u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti dwar id-data ta' applikazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet,

   (v) Regolament (KE) Nru 1160/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni, fir-rigward tal-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni għal vetturi [8],

   (vi) L-Artikolu 5(4)(a) u d-dispożizzjonijiet tat-Titolu II u l-Annessi miegħu li jirriferu għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [9],

   (vii) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [10],

   (viii) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [11].

---

[1] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 444.
[2] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 458.
[3] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 459.
[4] ĠU L 85, 6.4.2000, p. 12.
[5] Xi partijiet mill-Manwal Sirene ġew pubblikati fil-ĠU C 38, 17.2.2003, p. 1. Il-Manwal ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/757/KE (ĠU L 317, 16.11.2006, p. 1) u 2006/758/KE (ĠU L 317, 16.11.2006, p. 41).
[6] ĠU L 162, 30.4.2004, p. 29.
[7] ĠU L 68, 15.3.2005, p. 44.
[8] ĠU L 191, 22.7.2005, p. 18.
[9] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[10] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
[11] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

ANNESS II

Lista tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-SIS fis-sens tal-Artikou 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 li għandhom isiru applikabbli għall-Istati Membri kkonċernati mid-data prevista f'dawk id-dispożizzjonijiet

1. Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi ([1]);

2. Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ([2]);

3. Deċiżjoni 2007/533/ĠAI tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ([3]).

([1]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
([3]) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.